# NIKBRU FIL-GRAZZJA



JOSEPH FARRUGIA

Normalment wieħed jista' jsib erba' kategoriji ta' nies skont il-qagħda li wieħed ikun fiha.

1. Hemm dawk li fil-verità għadhom ma rċevewx il-grazzja.

2. Dawk li rċevewha imma qatt ma kibru fiha, jew kibru ftit li xejn.

3. Dawk li rċevew il-grazzja u kibru fiha u qed ikomplu jikbru.

4. Dawk li rċevewha, kibru għal xi żmien, fil-bidu forsi anke b'ċertu ħeffa, imma xi mument waqfu u waqgħu lura.

Huwa estremament importanti li wieħed ikun kapaċi jasal għal evalwazzjoni vera dwar *jekk dil-grazzja rċevihiex* verament u *jekk hux jikber fiha jew le.*

Ninsabu konvinti li l-akbar bżonn ta' dal-pajjiż illum huwa li l-Kristjani jiżdiedu u joktru - mhux wisq fin-**numru** (għalkemm din ukoll hija waħda mix-xewqat u t-talbiet tagħna) imma jiżdiedu fil-**maturità** ... jikbru fil-grazzja. Mhix ħaġa rari li wieħed jiltaqa' ma' Kristjani u minn kliemhom, imġiebithom, kummenti fuq facebook eċċ - jidher biċ-ċar li flok irġiel u nisa t'Alla maturi għax kibru fil-grazzja għadhom infantili, trabi spiritwali. J.I. Packer fl-introduzzjoni tal-ktieb tiegħu dwar il-Puritani; '*Fost il-Ġganti t'Alla*' jgħid xi ħaġa hekk: *'Ninnota li bosta Kristjani tal-lum meta mqabblin mal-Puritani aktarx qishom nemel. Meta mqiegħda maġenb dawn il-ġganti spiritwali aktarx qishom nani'.* Anke aħna fostna ninnotaw bosta aħwa qishom ikkakkmati u ma jridux jiċċaqilqu. Nies li qed jittraskuraw lir-ruħhom, mitluqin u għażżenin f'dawk l-affarijiet spiritwali, aktar moħħom fil-ħwejjeġ tad-dinja. Ninnotaw ukoll xi wħud li jaħsbu li kibru biżżejjed u laħqu xi quċċata u allura m'għandhomx għalfejn ikomplu jikbru. Huwa evidenti li dawn jew ma jafux, mhumiex konxji, inkella qed jiġu jaqgħu u jqumu li qed jgħixu fi ksur dirett ta' prinċipji u ordnijiet tal-Iskrittura Mqaddsa – kmandamenti bħal dak li għadna quddiemna - *Ikbru fil-grazzja!*

Is-suġġett '*Nikbru fil-Grazzja*' huwa suġġett:

1. Misterjuż, fis-sens li bħall-kobor fil-ħajja naturali huwa xi ħaġa li ma tistax tosservaha direttament – tista' tkun konxju li qed isseħħ però ma tistax taraha. Ukoll, dal-proċess mhux xi ħaġa mekkanika imma xi ħaġa vitali – diffiċli li niddefinixxuh eżattament – dejjem jibqa' dak l-element moħbi dwaru. Misterjuż ukoll fis-sens li nistgħu ngħidu ħafna dwaru però qatt ma nkunu eżawrejnih kompletament bħala suġġett.
2. Diffiċli, minħabba li l-għadu, ix-xitan, tant ivvinta imitazzjonijiet plawsibbli ta' xi tfisser tikber fil-grazzja li rnexxielu iħawwad lil ħafna u jikkonfondilhom l-ideat. Ukoll għax bosta Kristjani aktar huma inklinati li jqisu lilhom infushom aħjar milli fil-fatt huma u għax għadek tiltaqa' ma' nies li ovvjament jaħsbu li diġà kibru, u li m'għandhomx għalfejn jikbru aktar. Jekk għandhom raġun, allura diffiċli nikkonvinċuhom bl-appelli tagħna biex jikbru aktar u aktar.
3. Il-kobor fil-grazzja huwa wkoll suġġett kumpless u estensiv. Jixbaħ siġra b'numru kbir ta' fergħat u li tipproduċi frott varjat skont l-istaġuni. Suġġett estensiv, wiesa' fis-sens li jidħlu fih bosta elementi u li rridu nħarsu lejh minn angoli u naħat differenti. Irridu nikbru fil-grazzja kemm 'l fuq kif ukoll l-isfel, kemm minn ġewwa kif ukoll 'l-barra.
4. Però, għalkemm huwa suġġett misterjuż, diffiċli, kumpless u wiesa', il-kobor fil-grazzja huwa suġġett estremament prattiku u mhux vag. Fuq dan se niffokaw - l-aspetti l-aktar prattiċi tal-kobor fil-grazzja.

# 1. Il-bidu tal-grazzja

Il-kliem ikbru fil-grazzja huwa indirizzat lil dawk li diġà rċevew il-grazzja, għax sintendi wieħed ma jistax jikber fil-grazzja jekk l-ewwel

ma jkunx irċevieha. Għaldaqstant wieħed irid jibda' billi jistaqsi: "*Int irċevejt il-grazzja?*"

Il-mistoqsija mhix jekk trabbejtx f'familja Nisranija, intix mgħammed, tattendix regolarment u b'fedeltà f'xi knisja jew jekk kontx f'xi laqgħa ċċarġġjata b'emozjonaliżmu sfrenat u ħadt xi tip ta' deċiżjoni affrettata li ssir Kristjan, irriformajtx ħajtek minn xi dnubiet u vizzji ħoxnin. Intix impenjat sa ruħ ommok f'xi servizz jew ministerju Kristjan, titkellimx ma' ħafna nies dwar Ġesù jew intix kapaċi tiddibatti fuq suġġetti spiritwali, tafx bosta vrus mill-Bibbja bl-amment u anke r-referenzi eżatti, ikollokx xebgħa ħolm jew viżjonijiet jew xi esperjenzi simili u aktar. *Mhux dawn il-mistoqsijiet li qed jitpoġġew quddiemek. Għax għandek tkun taf illi jista' jkollok dan kollu u xorta tkun għadek ma rċevejtx il-grazzja* (1 Ġwanni 2:19). Dik il-grazzja marbuta mal-għarfa ta' Sidna u s-Salvatur Ġesù Kristu.

Jekk irċevejt il-grazzja inti persuna li xi darba l-Ispirtu s-Santu tak il-ħajja (irriġenerak), u b'riżultat ta' dan infetħulek l-għajnejn ta' ruħek. Indunajt bid-dnub u l-konsegwenzi terribbli u eterni li jġib miegħu. Irrejalizzajt illi int ħati u tinsab taħt il korla, is-saħta u l-kudnanna t'Alla Ġust. Li għad jasal jum ta' Ġudizzju u jekk tibqa' f'dil-qagħda int iddestinat għat-telfien etern fl-Infern. Stajt tara wkoll li int la trid u lanqas inti kapaċi teħles lilek innifsek. Mhux dan biss, l-Ispirtu permezz tal-Kelma (pritkata jew moqrija) rrivelalek ukoll lil Ġesù bħala l-uniku Salvatur . . . is-soluzzjoni divina għal dik il-qagħda ddisprata tiegħek. Dan wassal biex int tobdi l-kmand t'Alla u tindem u temmen. Tajtu dnubietek kollha, u hu sallabhom fuq is-salib – hu għattik bit-tjubija perfetta tiegħu – u f'dak il-mument Alla l-Missier qata' s-sentenza favurik u ġġustifikak. Id-dejn infeda, ir-riskatt tħallas, il-fidwa seħħet. Barra dan ħassejt il-bżonn li mhux temmen f'Ġesù biss bħala s-Salvatur tiegħek imma wkoll ridt temmen fih u tagħżlu bħala l-Mulej ta' ħajtek. Bdejt il-process ta' konverżjoni, sirt dixxiplu determinat li tgħix kuljum f'did-dinja bħala pellegrin u pajżan tas-Sema. Ħadt bosta deċiżjonijiet

biex twarrab dak kollu li hu tad-dinja u żżomm lilek innifsek isseparat minnha. Inżajt il bniedem il-qadim u lbist il-bniedem il-ġdid. . . (Efesin 4:24).

Issa, hekk kif qed taqra dawn il-ftit karatteristiċi ta' persuna li rċeviet il-grazzja (għax huma wisq aktar) tara xebħ mal-esperjenza ta' ħajtek? Dan jiddeskrivik? Inti din it-tip ta' persuna? Dan kollu japplika għalik jew le? Mela allura - Tikkonferma li rċevejt dil-grazzja jew le?

## 2. Għaliex imissna nikbru fil-grazzja?

Issa lil dawk li rċevewha l-appostlu Pietru jgħidilhom biex *jikbru fil-grazzja.* Għaliex imissna nikbru fil-grazzja? Huma ħafna r-raġunijiet, insemmi biss tnejn.

**1.** Nikbru fil-grazzja għax dan hu dak li jogħġob lill-Missierna tas-Sema. Forsi mhux kull missier jitgħaxxaq jara lil uliedu jikbru, jimmaturaw? Huwa meta jarana nikbru fil-grazzja li l-Missier jitgħaxxaq bina.

Il-predikatur C.H. Spurgeon jgħid li kull sena minn mindu kienu trabi sakemm għalqu l-wieħed u għoxrin sena kellu d-drawwa jieħu ritratt lis-subien tewmin tiegħu. Meta jara r-ritratti jinnota li ta' sena t-trabi kienu t-tnejn li huma mrassin fi pram. Fir-ritratt ta' wieħed u għoxrin ma kinux hekk sintendi. Issa kibru. Ikompli; "Sena wara sena nista' nara l-kambjament fihom minn mindu kienu trabi, għal meta saru tfal, ġuvintur, imbagħad rġiel. Żgur li bħala missier ma kontx nieħu pjaċir kieku għal wieħed u għoxrin sena sħaħ kelli noqgħod niġri bihom fil-pramm! Bl-istess mod la jien, il-missier spiritwali tagħkom, u wisq inqas il-Missier tas-sema ma jixtieq lil ħadd minnkom jibqa' spiritwalment infantili u immatur, nixtiequ narawkom ilkoll tilħqu għall-maturità sħiħa, u tiksbu l-kejl tal-istatura tal-milja ta' Kristu" (Efesin 4:13).

**2.** Nikbru fil-grazzja wkoll għax hu d-dover tagħna. Jekk inħarsu lejn din l-eżortazzjoni qasira l-ewwel ħaġa li nindunaw biha, u li rridu nagħtuha importanza, hi li quddiemna għandna kmand. Il-verb ikbru fl-oriġinal huwa fil-*preżent attiv imperattiv.* Il-preżent attiv ifisser li l-awtur m'għandux f'moħħu azzjoni (jew esperjenza) ta' darba imma *azzjoni kontinwa.* Il-mod imperattiv ifisser li l-kittieb mhux qed jissuġġerixxi jew jindika imma jordna. Allura nistgħu naqrawha mod ieħor, ċoè: *nikkmandakom, ibqgħu ikbru!*

Mela, li int tikber fil-grazzja mhux xi opzjoni jew xi ħaġa extra li tista' tagħżilha jew le. Lanqas mhi xi ħaġa tajba biss għal xi individwi uniċi jew speċjali, imma hija essenzjali għall-ħajja ta' kull Kristjan. Hija dak li l-Misssier jitgħaxxaq bih. Jekk tistqarr li rċevejt il-grazzja, allura inti ordnat tibqa' tikber fiha. Il-Puritan Thomas Brooks jgħid; *"Il-grazzja ngħatat biex titħaddem – (Kristjan) ma ngħatatlekx biex trekkina imma biex tħaddimha."* Wieħed mill-ewwel jiftakar fil-parabbla tat-talenti (Mattew 45:14-30). Mela mhux biżżejjed li żżomm il-qies ta' grazzja li wasalt fih, trid tistinka biex tkompli tħaddimha u teżerċitaha kuljum bl-għan li din toktor aktar u aktar. Lanqas mhu biżżejjed li issa m'għadekx daqshekk ħażin bħalma kont qabel jew li qed tevita ċertu dnubiet jew vizzji, jeħtieġ titjieb u tiddi bil-virtuwijiet. Quddiem dal-kmand jista' jiġri li tirrispondi b'ċertu għaġġla u tgħid; "dal-kliem mhux għalija, jiena kbirt, qed nikber..." Però irrifletti ftit, kif qed tasal għal dil-konklużjoni? X'qed jikkonvinċik li verament qed tikber fil-grazzja? Għandek xi provi evidenti ta' dan? Konxju li tista' tkun mqarraq, żbaljat dwar il-qagħda reali tiegħek – mingħalik li kbirt jew qed tikber u dan ma jkunx minnu? U x'metodi qed tuża' biex titkejjel bihom? Ċert li huma l-metodi tajbin u ta' min joqgħod fuqhom?

# 3. Metodi żbaljati kif niddeterminaw il-kobor fil-grazzja

Tiskanta kemm ħafna mill-metodi wżati mill-Kristjani biex bihom ikejlu l-kobor fil-grazzja huma żbaljati, ħżiena u foloz. Għalhekk din li ġejja hi lista tal-aktar komuni, jiġifieri dawn huma fejn wieħed ma jridx iħares biex jiddetermina l-kobor tiegħu fil-grazzja. Importanti ħafna li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi bosta minn dawn l-affarijiet li se jissemmew huma ħwejjeġ tajbin fihom infushom, affarijiet li wieħed imissu jimpenja ruħu aktar u aktar fihom – però m'għandniex nużawhom bħala l-**kejl** tal-kobor fil-grazzja. Il-butir tajjeb fuq il-ħobż mixwi, imma mhux tajjeb biex tkaħħal xi fil tal-ħajt bih!

1. M'hemm xejn aktar perikoluż, u fl-istess ħin komuni ħafna, li l-Kristjan jagħmel dak li jħoss jew dak li jaħseb fuqu nnifsu l-kejl tal-kondizzjoni spiritwali tiegħu. *Rivelazzjoni 3:17 'Għax tgħid, "Jien għani, stagħnejt u ma neħtieġ xejn," u ma tafx (tirrealizzax) illi int imsejken u magħkus fqir, għami u għarwien."* Ħafna drabi l-maturità li wieħed jara ma tkun xejn ħlief fantasija jew illużjoni ta' moħħu, ir-realtà tkun l-oppost - u fil-fatt ħadd ħliefu ma jaraha dil-maturità.

2. Il-kobor fil-grazzja m'għandux jitkejjel skont ir-reputazzjoni; dak li jaħsbu l-oħrajn fuqek. *Rivelazzjoni 3:1 "Naf l-għemejjel tiegħek; int għandek isem (reputazzjoni) li inti ħaj (illi tgħix) u (frattant) int mejjet."*

3. Bil-Malti ngħidu 'iż-żmien isajjar il-bajtar", imma ż-żmien waħdu ma jkabbrekx fil-grazzja, u int Nisrani mhux bajtra! Xi wħud jaħsbu illi t-tul ta' żmien illi ilhom Kristjani jiddetermina l-ammont ta' progress li għamlu. Suppost hekk għandu jkun, però ħafna drabi dan mhux minnu. Lanqas l-età m'għandha x'jaqsam ma' dan. Għalhekk

ħarisx lejn il-kalendarju, dan jgħidlek biss kemm ilek fit-triq mhux kemm avvanzajt.

4. M'għandekx tkejjel kbirxt fil-grazzja jew le billi tħares lejn min hu agħar minnek.
5. Huwa żball kbir li tkejjel il-kobor fil-grazzja tiegħek billi tħares lejn l-attività. Tiżbalja meta tassumi li ħafna attività jew impenn u servizz spiritwali neċessarjament huwa sinjal ta' kobor fil-grazzja. Taħseb illi għax involut sa ruħ ommok f'xi ministeru jfisser li kbirt fil-grazzja? Dan mhux minnu. It-tfal żgħar ferm aktar attivi mill-adulti, ma jfissirx li b'daqshekk huma aktar maturi minnhom. Il-merry-go-round tgħidx kemm iddur, iddur u iddur imma tibqa' fl-istess post.
6. Tħarisx lejn l-ixkafef tal-kotba spiritwali (li qrajt jew ma qrajtx) jew il-priteki li tisma' (l-knisja jew fuq l-internet) inkella d-diplomi mdendlin mal-ħajt biex tiddetermina hux qed tikber fil-grazzja jew le. Hawn min jaħseb li għax akkwista tagħrif intelletwali konsiderevoli tal-verità jimmaġina li għamel xi qabża u progress fil-grazzja. Irridu niddistingwu bejn it-tagħrif tal-ħwejjeġ spiritwali u l-għarfien spiritwali attwali, bejn l-akkwist t'informazzjoni (dwar Alla, l-Bibbja eċċ) u t-trasformazzjoni attwali fil-ħsieb, fil-kliem u fil-ħajja.
7. Wieħed lanqas m'għandu jitkejjel billi jħares lejn l-otteniment u l-iżvilupp tad-doni spiritwali, speċjalment dawk l-aktar kospikwi. Biżżejjed niftakru li fil-Patt il-Ġdid jekk kien hemm knisja mżejna bid-doni spiritwali kienet dik Korintina u madanakollu nafu kemm kienu jibbrillaw fl-immaturità spiritwali evidenzjata bil-problemi li kellhom.
8. Il-kobor fil-grazzja m'għandux jitkejjel billi wieħed iħares lejn l-għotjiet finanzjarji ġenerużi u liberali. Il-fatt (sabiħ) li tista' tagħti

aktar flus minn ħaddieħor ma jfissirx li b'daqshekk avvanzajt u kbirt fil-grazzja aktar minnhom.

9. It-tul ta' ħin li tqatta' titlob, jew it-tul tat-talbiet tiegħek fil-pubbliku, mhumiex il-kejl li juruk intix qed tikber fil-grazzja jew le.

10. Ħafna jaħsbu li huwa sinjal ta' kobor fil-grazzja li ma jkollomx mard, saram, tiġrib, problemi, mumenti ta' niket, inkella li jkunu dejjem vivaċi, ferrieħa, igawdu prosperità kontinwa, eċċ. Jekk dawn jaraw lil xi ħadd imtaqqal iqisuh bħala immatur spiritwalment. L-esperjenza ta' Sidna u tal-appostli biżżejjed biex turi kemm dan hu żbaljat.

11. Tarax iż-żieda f'kemm Alla qed jużak mal-oħrajn u kemm qed issir aktar effettiv fil-ministeru tiegħek bħala sinjal ta' kobor fil-grazzja.

Ħafna jiffurmaw opinjoni ħażina tagħhom infushom u tal-progress fil-grazzja għax jiżbaljaw proprju f'dan – l-użu ta' dawn il-metodi żbaljati kif elenkajnihom. Nerġa' nenfasizza illi ħafna minnhom huma ħwejjeġ tajbin u ta' min jinkoraġġihom dejjem aktar però toqgħodx fuqhom jekk trid tiskopri hux qed tikber fil-grazzja jew le. Allura f'dal-punt il-mistoqsija li jmiss tiġi waħidha "Mela fejn imissni nħares biex inkejjel il-progress, il-kobor fil-grazzja? Jekk dawn il-metodi żbaljati - x'inhuma l-metodi t-tajbin?"

# 4. Il-metodu t-tajjeb ta' kif niddeterminaw il-kobor fil-grazzja

Lista' tal-metodi tajbin m'hemmx għax metodu tajjeb wieħed biss hemm. Jekk irridu rigla ta' min joqgħod fuqha f'post wieħed biss irridu nħarsu – l-Iskrittura Mqaddsa. Jekk il-ħsibijiet tagħna dwar il-kobor fil-grazzja ma jkunux iffurmati mill-Kelma t'Alla se niżbaljaw u naslu għal konklużjonijiet ħżiena. It-tagħrif Skritturali huwa essenzjali jekk irridu nagħmlu djanjożi aktar eżatta tal-istat spiritwali tagħna. Il-Kelma t'Alla

għandha ħafna xi tgħidilna dwar il-Kristjan, b'mod partikolari dwar it-tarbija fi Kristu, ċoè dak li ma' kibirx jew li mhux qed jikber u l-adult, ċoè dak li kiber u li qed jikber. Turina x'inhuma l-karatteristiċi ta' wieħed u x'inhuma tal-ieħor, x'differenzi hemm bejniethom u minn xiex jingħaraf wieħed minn ieħor.

# 5. It-tarbija spiritwali: karatteristiċi komuni

1. Bħat-tfal, il-persuna immatura spiritwalment tagħmel xenata mix-xejn – speċjalment meta ma' tgħaddix tagħha fil-knisja, ma tieħux dak li trid eċċ. Din persuna instabbli, tippanikkja malajr, mill-ewwel tieħu għaliha, tiddepressa ruħha malajr, mill-ewwel tkun skoraġġuta, kif xi ħaġa tmur ħażin mill-ewwel tibda' tiddubita l-imħabba t'Alla għaliha.
2. Barra minn hekk dawk li għadhom infantili huma nieqsa mid-diskriminazzjoni u d-dixxerniment. Dawn jibilgħu kollox! "Bħala riżultat ma nkunux iżjed tfal (infantili,) imtajjrin (imwaddbin) 'l hawn u 'l hemm u meħudin minn kull riħ ta' tagħlim, (dottrina)" (Efesin 4:14).
3. Kelma oħra li tixraq lit-tarbija spiritwali hi l-esibizzjoniżmu – interess żejjed fiha nfisha, ħafifa wisq biex tidher, titkellem dwarha nfisha, trid l-attenzjoni fuqha, l-ħin kollu. Tiltaqa' ma' dat-tip ta' nies u mill-ewwel jibdew jitkellmu fuq x'għamlu, x'ħassew, x'raw, u malajr jgħaddulek lista tal-affarijet li wettqu – esibizzjoniżmu! Il-predikatur D.Martyn Lloyd Jones qal; *"M'għandi l-ebda eżitazzjoni nistqarr illi aktar ma nikbru fil-grazzja, nitkellmu ferm inqas fuqna nfusna u fuq l-esperjenzi tagħna u wisq aktar dwarU."* Il-Battista stqarr: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" (Ġwanni 3:30).
4. Ġidba u mħabba esaġerata lejn dak li huwa eċċitanti jikkaratterizzaw it-tarbija fi Kristu. Din dejjem interessata fl-

esperjenzi, tiġġerra fil-laqgħat fejn issib it-textix u aktar ma ssib eċċitament wisq aħjar. Jinteressaha l-ewwel li tieħu ‘good-time’, ‘buzz’! Dan-nies ma jħobbux il-meditazzjoni, is-skiet, il-qari, l-istudju, il-kontemplazzjoni. Moħħhom biss f’dak li huwa spettakolari u li jeċċitahom. Bħat-tfal, li jissaħħru bil-ġiggifogu u mhux bil-kwiekeb fis-sema!

5. It-tarbija spiritwali ssibha aktar interessata fil-persuna, fil-‘preacher’ u l-personalità tiegħu, fiċ-ċajt u l-istejjer li jirrakkonta milli fit-tagħlim u l-veritajiet Skritturali, u aktar interessata fil-modi u t-teknika u l-mezzi li qed jintużaw. Staqsihom fuq xiex kienet il-prietka ftit wara u tarahom iħokku rashom, għax kienu moħħom band’ oħra. Tgħidx kemm ħadu gost, imma x’jiftakru mill-messaġġ t’Alla?

6. Id-doni, speċjalment dawk id-doni ‘flashy’, jinteressawhom wisq aktar mill-frott tal-Ispirtu jew mill-virtuwijiet. L-iżbilanċ f’ħajjithom ovvju. Kemm drabi tiltaqa’ ma’ Kristjani u juruk ix-xewqa li jiskopru x’doni għandhom u kif jistgħu jużawhom u rarament tiltaqa’ ma’ xi wħud li xewqathom kif se jikbru f’xi wieħed mill-frott tal-Ispirtu; fl-imħabba, r-rażna eċċ.

## 6. Ir-raġel matur - karatteristiċi komuni

1. Il-persuna li qed tikber fil-grazzja tixxennaq u tistinka għal qies akbar ta’ grazzja. Trid tikber iktar! Il-Puritani dejjem għallmu li “Kristjan qawwi fil-grazzja jaf li qatt mhu tajjeb biżżejjed, qatt mhu qed jitlob biżżejjed, jisma’ biżżejjed, jobdi biżżejjed, jemmen biżżejjed, iħobb biżżejjed, jobgħod id-dnub biżżejjed, jindem biżżejjed, ikun umli biżżejjed....” Jekk int sodisfatt bik innifsek m’intix tikber – jekk m’intix sodisfatt huwa sinjal li qed tikber.

2. Il-Kristjan matur jinnota żieda f'dak li nsejħulu aptit u palat spiritwali – aptit għall-Alla u għall-ħwejjeġ spiritwali bħalma huma t-talb, il-qari u l-istudju tal-Bibbja eċċ. Jinduna li qed jitgħaxxaq u jsib il-gost tiegħu dejjem aktar b'dawn il-ħwejjeġ smewwitija.

3. Evidenza oħra ta' raġel adult spiritwalment hi meta wieħed jagħmel ir-reliġjon (dik tal-qalb mhux dik legali) il-ħaġa prinċipali ta' ħajtu. Lest li jpoġġi kollox warajha, ma tibqax dik ix-xi ħaġa oħra imma ssir dik il-ħaġa waħda l-aktar imporatnti. *Salmi 42:1-2 "Bħalma għażżiela mlebilba għall-ilma ġieri, hekk ruħi hi mlebilba għalik, o Alla. Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj: meta niġi u nidher quddiem Alla?"* Tixxennaq għal ***Alla*** . . . mhux għall-hobby, karriera, flus, divertiment u ħwejjeġ tad-dinja!

4. Il-Kristjan li qed jikber fil-grazzja isib is-sodisfazzjoni sħiħ tiegħu f'Alla nnifsu – mingħajr l-affarijiet l-oħra. Ċertu Puritan qal: "l-esperjenzi spiritwali (sbieħ kemm huma sbieħ) mhumiex Kristu, ħelwin imma Kristu eħlew, prezzjużi imma Kristu aktar prezzjuż minnhom". Nixxennaq għal Alla aktar u aktar milli għal dak li jista' jagħtini? Kulma jinteressa t-tifel huma r-rigali mhux wisq il-persuna – jien hekk, interessat f'Alla biss għal dak li nista' nakkwista mingħandu? Il-folla wkoll marret wara Ġesù għax imlew żaqqhom bl-ikel li tahom, imma kienu pronti telquh xħin waslilhom il-verità, li ma daqqitilhomx.

5. L-attitudni lejn id-dinja turi jekk il-Kristjan hux matur jew le. Ir-raġel spiritwali iħobb aktar il-ħwejjeġ t'Alla milli l-ħwejjeġ tad-dinja, jixtieq dejjem anqas id-dinja u l-ħwejjeġ tad-dinja, u huwa ittentat minnhom dejjem anqas. Il-Kristjan matur hu dak li hu sodisfatt u **jikkuntenta bi ftit** mill-ħwejjeġ ta' din l-art, filwaqt dak li għadu fjakk fil-grazzja ma jissodisfax ruħu malajr u **mhux kuntent bil-ħafna**.

6. Ir-raġel li immatura spiritwalment jippratika hu dak li jħeġġeġ lill-oħrajn biex jagħmlu.

7. Darba ċertu pastor staqsa lil waħda raħħala x'kunċett kellha tal-kobor fil-grazzja; 'Taf tgħidli xi tfisser tikber fil-grazzja?' Hi kienet pronta weġbitu 'il-kobor fil-grazzja tal-kristjan jixbah denb il-baqra'. Imħawwad, il-pastor talabha tispjega ruħha aħjar. Kompliet, 'denb il-baqra, aktar ma jikber u jitwal aktar jersaq qrib l-art; u aktar mal-Kristjan jikber fil-grazzja aktar jieħu postu fil-baxx quddiem Alla.' Għalhekk il-Kristjan matur, dak li qed jikber fil-grazzja, huwa umli u l-umiltà vera hija sinjal ta' kobor fil-grazzja. Din espressa wkoll fiż-żieda fis-sens ta' kemm jiena midneb u kemm miniex denju u ma jistħoqqliex il-barkiet t'Alla – għal kuntrarju tal-persuna infantili – li b'arroganza tikklejma, tippretendi, tiddomanda l-barkiet mingħand Alla.

*8.* Mal-umiltà nistgħu ninkludu wkoll il-frott l-ieħor tal-Ispirtu li nsibuh f'Galatin 5:22-23.

9. Il-kobor fil-grazzja jintwera b'mod ċar meta l-Kristjan jirsisti biex jikber f'dik il-grazzja li hija l-aktar kuntrarja għad-dnub partikolari tiegħu. Jekk int karatterjalment nervuż, tkun qed tikber fil-grazzja meta minflok tiġġustifika għemilek ħażin b'skużi bħal per eżempju 'jien hekk magħmul u min jitwieled tond ma jmutx kwadru' tinbidel proprju f'din l-erja ta' ħajtek.

10. Wieħed mill-aspetti tal-kobor fil-grazzja hi s-sottomissjoni; lejn l-awtoritajiet, lejn is-superjuri tiegħek fuq ix-xogħol, fil-knisja u l-ħidma Kristjana, fiż-żwieġ eċċ. Trid tkun taf verament hux qed tikber fil-grazzja? Staqsi l-martek, lil uliedek – lill-imgħallem tax-xogħol jew kollegi, eċċ.

11. Ix-xitan, bħal pirata tajjeb, il-bastimenti li jagħżel li jattakka huma dawk l-aktar mimlijin bit-teżori mhux dawk battala. L-aktar li jsibu

ruħhom fl-iskola tat-tentazzjonijiet huma dawk li l-aktar kibru fil-grazzja. Imma huwa wkoll sinjal ta' maturità spiritwali meta l-Kristjan jieqaf sod kontra l-attakki li jiġu f'salt tal-għadu. Dawk immaturi fil-grazzja jinġarru mill-ewwel buffula riħ ta' tentazzjoni, mhux biss jinħasdu imma jitgħafġu u jitkaxxkru.

12. Għall-Kristjan matur is-servizz u l-qadi jiġuh ħelwin u mhux b'toqol. Ma jimpenjax ruħu (bħal dawk li għadhom immaturi) f'dawk id-doveri li huma ħfief, li jogħġbu l-ġisem u ma jirrekjedux sagrifiċċju, li jġibu popolarità u ċapċip. Imma hija grazzja li kibret li tinbotta Kristjan biex jimpenja ruħu f'dak is-servizz li għalih irid iħallas prezz għoli u jitlob tbatija u tgħakkis tal-ġisem, servizz li forsi huwa moħbi, li ma jingħatax il-grazzi u r-rikonoxximent mill-oħrajn.
13. Hija prova ta' kobor fil-grazzja meta wieħed jilħaq qċaċet ogħla milli kien jilħaq qabel.
14. Il-Kristjan matur ma jimpurtaħx biss mill-progress spiritwali tiegħu imma huwa interessat ukoll fil-kobor tal-oħrajn, tal-aħwa l-oħra fil-knisja.

# 7. Erba' ħsibijiet qosra tal-aħħar

**Nikbru fil-grazzja b'mod kollettiv**

Ma ninsewx li m'aħniex kmandati biss nikbru b'mod individwali iżda wkoll b'mod kollettiv bħala knisja (1 Pt 2:2-5). Mela mhux biss INT responsabbli tikber b'mod individwali imma hi r-responsabbiltà tiegħek ukoll li tagħti sehemek biex il-knisja tikber – din hi l-idea tal-knisja bħala tempju, qed tinbena b'ġebel ħaj. Tinbena int – tinbena l-Knisja.

**Nikbru fil-grazzja progressivament**

Il-kobor fil-grazzja huwa progressiv u gradwali, ma jseħħx f'salt. Ix-xemx ma titlax f'daqqa imma ftit ftit. It-tfal, il-pjanti u kull ħaġa ħajja l-istess – ma jikbrux f'daqqa. Bl-istess mod ukoll il-qaddisin jikbru fil-grazzja. Tagħmlux l-iżball ta' dak il-bidwi li għax ried ix-xtieli jikbru f'daqqa ħa jieħu l-frott malajr ġibidhom 'il fuq kemm jiflaħ. Kien kuntent miskin imma malajr induna li minflok għenhom kien qeridhom. Però int, jekk qed tħabrek ta' kuljum fil-mezzi tal-grazzja, m'għandekx għalxiex tkun skoraġġut jekk l-avvanz jidher miexi bil-mod.

**Nikbru fil-grazzja tul-ħajjitna**

R. C. Sproul jgħid hekk; "Il-kobor u l-progress fil-grazzja mhux se jintemm u m'għandux jieqaf sakemm il-Kristjan jasal il-Ġenna."

**Nikbru f'dik il-grazzja li ma tintefiex**

Iva, bħal fjamma, il-grazzja ġieli tonqos u saħansitra xi drabi kważi tidher intfiet għal kollox. Dan minħabba bosta fatturi, nuqqasijiet, traskuraġni u aktar min-naħa tagħna, 'ir-reċipjenti tal-fuħħar'. Imma jekk il-grazzja hija dik evanġelika qatt ma tista' tintefa' kompletament. Hija d-don t'Alla u d-doni t'Alla irrevokabbli (Rumani 12:29). Jekk tmajna, bit-trewwieħ tista' terġa' tibda tħeġġeġ taħraq. Bħal bniedem li kultant jimrad u jirkadi imma bil-kura jerġa jirpilja u jieħu saħtu lura. Aħna konfidenti li dak li beda dax-xogħol se jarah sat-tmiem (Filippin 1:6).

# 8. Konklużjoni

Bdejna billi elenkajna l-erba' kategoriji ta' nies. Rajna kemm hu estremament importanti li nkunu kapaċi naslu għal evalwazzjoni vera dwar *jekk dil-grazzja rċevejnihiex* verament u *jekk aħniex nikbru fiha jew le*. Semmejna xi karatteristiċi ta' persuna li rċeviet il-grazzja sabiex wieħed jikkonferma jew le irċevihiex. Is-suġġett huwa wieħed misterjuż, diffiċli, kumpless u estremament prattiku u għalhekk dak li ħarisna lejh għandu jkun biżżejjed biex iservi t'għajnuna prattika u

jurina fejn ninsabu verament. Il-metodi żbaljati wżati minn bosta biex jiddeterminaw il-kobor fil-grazzja huma ħafna, u dawn irridu nevitawhom. Ir-rivelazzjoni divina, il-Bibbja, mhux l-immaġinazzjoni ta' moħħna jew dawk il-metodi li semmejna trid tkun il-gwida li tiddetermina aħniex qed nikbru fil-grazzja jew le. Il-karatteristiċi tat-tarbija spiritwali, ta' dawk li ma kibrux u mhux qed jikbru semmejnihom u rajna kemm huma differenti minn dawk il-karatteristiċi tal-adult li kiber fil-grazzja. Dawn għamilna lista tagħhom mhux biss biex nitkejlu magħhom imma wkoll sabiex inżommuhom bħala l-għan tagħna u kuljum naspiraw lejhom.

**Issa suppost għandek stampa ċara u reali tal-kategorija li tinsab fiha.**

1. Inti wieħed minn dawk li għadhom ma rċevewx il-grazzja? Jekk iva, nistiednek biex tfittixha u tibqa' sakemm tirċevieha.

2. Inti minn dawk li rċevew il-grazzja imma qatt ma kibru verament fiha? F'dak il-każ nittama li l-Ispirtu tal-Verità ikkonvinċik mid-dover li għandek u issa int deċiż li sakemm iddum ħaj se tagħti l-priorità xierqa u tfittex li tkompli tikber. Għaraf li jrid ikun l-Ispirtu Qaddis li jkabbrek. Kun konxju wkoll li biex tikber trid ukoll tfittex b'diliġenza l-mezzi tal-grazzja provduti minn Alla għal dan l-iskop, primarji fosthom it-talb, l-Iskrittura, l-ordinanzi u oħrajn.

3. Inti wieħed minn dawk li rċevew il-grazzja, kibru u qed jikbru fiha? Qis li tkompli tikber u jiġri x'jiġri, la tieqafx tikber. Żomm Filippin 3:13-14 quddiem għajnejk dejjem.

4. Inti irċevejt il-grazzja, kbirt ghal xi żmien imma bħalissa irkadejt, waqajt lura? F'dak il-kaz ngħidlek ara ma tmurx taqta' qalbek, anzi hemm tama għalik. Irċievi il-kliem ta' *Rivelazzjoni 2:5a* – "Ftakar mela minn fejn int imwaqqa', u indem, u għamel l-għemejjel ta' qabel."

L-akbar bżonn ta' dal-pajjiż huwa ta' Kristjani li qed jimmaturaw u mhux qed jibqgħu infantili, Insara li qegħdin jikbru progressivament fil-grazzja jum wara jum għax qed jaħdmu, u l-Ispirtu s-Santu wkoll qed jaħdem. Ir-rieda t'Alla l-Missier għalik Kristjan, ibnu l-maħbub, li rċevejt dil-grazzja hi din: "*Ikber fil-grazzja!*"